PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/0062(COD)

11.8.2008

EMENDI
6 - 36

Abbozz ta' opinjoni
Renate Weber
(PE409.621v01-00)

dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq

Proposta għal direttiva
(COM(2008)0151 – C6-0149/2008 – 2008/0062(COD)

AM_Com_LegOpinion

Emenda 6
Sarah Ludford

Proposta għal direttiva
Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq	**li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza *u t-traffiku* fit-toroq**
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva tippreżenta opportunità vera biex tgħin lill-ibliet u lir-reġjuni Ewropej sabiex jiżviluppaw politiki għat-trasport li jkunu konkreti u sostenibbli, fid-dawl tal-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-trasport urban u l-iskrutinju li għaddej tal-Parlament Ewropew. Għalhekk it-titolu u l-bażi legali tad-direttiva għandhom jiġu emendati.

Emenda 7
Sarah Ludford

Proposta għal direttiva
Ċitazzjoni 1

Text proposed by the Commission	*Amendment*
Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-***Artikolu 71(1)(c)*** tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-***Artikolu 71(1)*** tiegħu,

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva tippreżenta opportunità vera biex tgħin lill-ibliet u lir-reġjuni Ewropej sabiex jiżviluppaw politiki għat-trasport li jkunu konkreti u sostenibbli, fid-dawl tal-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-trasport urban u l-iskrutinju li għaddej tal-Parlament

Ewropew. Għalhekk it-titolu u l-bażi legali tad-direttiva għandhom jiġu emendati.

Emenda 8
Sarah Ludford

Proposta għal direttiva
Premessa 1 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-Istati Membri individwali introduċew kontrolli biex jimmaniġġjaw il-movimenti tat-traffiku u l-parking sabiex jiksbu mobilità akbar fl-irħula l-bliet tagħhom, fejn it-talba għall-użu ta' l-infrastruttura tat-toroq hija akbar mill-provvista.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva għandha tirrifletti l-isforzi tal-bliet u r-reġjuni Ewropej sabiex jimmaniġġjaw it-traffiku u l-parking bħala parti mill-istrateġiji urbani ta' mobilità tagħhom. Dan huwa partikolarment importanti fid-dawl tal-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-trasport urban u l-iskrutinju li għaddej tal-Parlament Ewropew.

Emenda 9
Sarah Ludford

Proposta għal direttiva
Premessa 1 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Sabiex ikunu implimentati politiki sostenibbli dwar it-trasport, bħala element ewlieni fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima, qegħdin dejjem aktar jiġu użati skemi innovattivi, inklużi restrizzjonijiet tat-traffiku jew l-użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq, sabiex jindirizzaw sfidi speċifiċi f'ċerti oqsma, bħat-tniġġis u l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra,

il-konġestjoni u l-immaniġġjar tat-traffiku.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva għandha tirrifletti l-isforzi tal-bliet u r-reġjuni Ewropej biex jimplimentaw politiki tat-trasport li jkunu innovattivi u sostenibbli, bħall-ħlas għall-użu tat-toroq, żoni 'ħodor' u restrizzjonijiet tat-traffiku biex jindirizzaw sfidi bħalma huma l-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni.

Emenda 10
Sarah Ludford

Proposta għal direttiva
Premessa 1 c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) Dawn l-istrumenti jistgħu jinvolvu ħlas għall-użu ta' xi toroq jew sabiex wieħed jidħol f'żoni 'ħodor' jew ekoloġiċi. Sabiex il-fluss tat-traffiku ma jiġix ristrett, spiss ma jkun hemm ebda ostakoli fiżiċi fil-konfini ta' dawn iż-żoni, u għalhekk l-infurzar isir b'mezzi amministrattivi. Il-kredibilità ta' dawn l-iskemi tiddependi parzjalment fuq l-infurzar ġust u ekwu tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva għandha tirrifletti l-isforzi tal-bliet u r-reġjuni Ewropej biex jimplimentaw politiki tat-trasport li jkunu sostenibbli, bħall-ħlas għall-użu tat-toroq, żoni 'ħodor' u restrizzjonijiet tat-traffiku. Sabiex dawn il-politiki jiġu aċċettati miċ-ċittadini, huma għandhom jiġu infurzati b'mod ġust, filwaqt li l-multi m'għandhomx jiġu skansati, u lanqas is-sostenn għall-iskemi m'għandu jiddgħajjef, sempliċiment għaliex dak li jikser ir-regoli jkun ġej minn stat membru ieħor.

Emenda 11
Sarah Ludford

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq ma' l-Unjoni Ewropea kollha, u biex jiġi żgurat it-trattament ekwu bejn il-persuni residenti u mhux residenti li jikkommettu reat, l-infurzar għandu jiġi ffaċilitat irrispettivament mill-Istat Membru fejn tkun irreġistrata l-vettura li biha jsir ir-reat. Għal dan il-għan, jeħtieġ li tiġi implimentata sistema ta' skambju transkonfinali ta' informazzjoni.	(3) Sabiex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq***, l-immaniġġjar tat-traffiku fit-toroq u biex jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' politiki sostenibbli tat-traffiku*** ma' l-Unjoni Ewropea kollha, u biex jiġi żgurat it-trattament ekwu bejn il-persuni residenti u mhux residenti li jikkommettu reat, l-infurzar għandu jiġi ffaċilitat irrispettivament mill-Istat Membru fejn tkun irreġistrata l-vettura li biha jsir ir-reat. Għal dan il-għan, jeħtieġ li tiġi implimentata sistema ta' skambju transkonfinali ta' informazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva għandha tirrifletti l-isforzi tal-bliet u r-reġjuni Ewropej biex jimplimentaw politiki tat-trasport li jkunu innovattivi u sostenibbli, bħall-ħlas għall-użu tat-toroq, żoni 'ħodor' u restrizzjonijiet tat-traffiku biex jindirizzaw sfidi bħalma huma l-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni.

Emenda 12
Sarah Ludford

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sistema bħal din tkun ta' siwi partikolari fejn jidħlu r-reati tat-traffiku rreġistrati minn tagħmir awtomatiku fejn ma jistax jiġi identifikat minnufih min ikun ikkommetta r-reat, bħall-eċċess ta' veloċità ***jew*** *il-qbiż tad*-dawl l-aħmar. Is-sistema tkun utli wkoll billi tippermetti s-*segwiment* ta' reati fejn tkun meħtieġa l-	Sistema bħal din tkun ta' siwi partikolari fejn jidħlu r-reati tat-traffiku rreġistrati minn tagħmir awtomatiku fejn ma jistax jiġi identifikat minnufih min ikun ikkommetta r-reat, bħall-eċċess ta' veloċità***,*** *fejn id*-dawl l-aħmar *ma jiġix rispettat****, is-sewqan fuq il-korsija tal-karozzi tal-linja jew fejn ma jkunux***

verifika tad-dettalji tar-reġistrazzjoni tal-vettura, fil-każ fejn il-vettura tkun ġiet imwaqqfa. Dan jgħodd speċjalment għas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb.	***irrispettati żoni ta' ħlas għall-użu tat-triq jew żoni ħodor.***. Is-sistema tkun utli wkoll billi tippermetti s-*segwitu* ta' reati fejn tkun meħtieġa l-verifika tad-dettalji tar-reġistrazzjoni tal-vettura, fil-każ fejn il-vettura tkun ġiet imwaqqfa. Dan jgħodd speċjalment għas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva għandha tirrifletti l-isforzi tal-bliet u r-reġjuni Ewropej biex jimplimentaw politiki tat-trasport li jkunu sostenibbli, bħall-ħlas għall-użu tat-toroq, żoni 'ħodor' u restrizzjonijiet tat-traffiku. Uħud minn dawn iridu jiddependu fuq identifikazzjoni awtomatika (biex tkun evitat l-konġestjoni minħabba ostakoli fiżiċi). Sabiex dawn il-politiki jiġu aċċettati miċ-ċittadini, huma għandhom jiġu infurzati b'mod ġust, filwaqt li l-multi m'għandhomx jiġu skansati, u lanqas is-sostenn għall-iskemi m'għandu jiddgħajjef, sempliċiment għaliex dak li jikser ir-regoli jkun ġej minn stat membru ieħor.

Emenda 13
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Is-sistema għandha tkopri u tittratta t-tipi ta' reat tat-traffiku skond is-serjetà tagħhom u l-periklu li joħolqu għas-sikurezza fit-toroq***, u għandha tkopri r-reati klassifikati bħala reati tat-traffiku fil-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru***. Għaldaqstant, jixraq li ssir dispożizzjoni fir-rigward ta' l-eċċess ta' veloċità, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza, ***u*** *l-qbiż* tad-dawl l-aħmar. Il-Kummissjoni ser tkompli ssewgi l-iżviluppi madwar l-UE fir-rigward ta' reati oħra tat-traffiku ***b'implikazzjonijiet serji għas***-sikurezza fit-toroq, u *fejn ikun xieraq*, ser tikkunsidra tipproponix reviżjoni tad-Direttiva bil-għan	(5) Is-sistema għandha tkopri u tittratta t-tipi ta' reat tat-traffiku skond is-serjetà tagħhom u l-periklu li joħolqu għas-sikurezza fit-toroq ***u l-isforzi magħmula mill-Istati Membri sabiex jimmaniġġjaw il-movimenti tat-traffiku u l-parking biex tinkiseb mobilità akbar u jiġu stabbiliti politiki tat-trasport sostenibbli***. Għaldaqstant, jixraq li ssir dispożizzjoni fir-rigward ta' l-eċċess ta' veloċità, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza, *in-nuqqas ta' rispett* tad-dawl l-aħmar***, in-nuqqas ta' ħlas għall-użu tat-toroq, in-nuqqas ta' ħlas għall-użu - jew in-nuqqas ta' rispett għar-regoli - ta' żona ekoloġika,***

li tiġbor dawk ir-reati fl-ambitu tagħha***; pereżempju, is-sewqan taħt l-effett tad-drogi, l-użu tat-telefown ċellulari waqt is-sewqan, u s-sewqan mhux assigurat***.	***kontravenzjonijiet tal-parking, reati bi ksur tar-rispett għall-korsija tal-karozzi tal-linja jew tat-tram u reati tat-traffiku waqt is-sewqan***. Il-Kummissjoni ser tkompli ssewgi l-iżviluppi madwar l-UE fir-rigward ta' reati oħra tat-traffiku ***li jolqtu s-***sikurezza fit-toroq, ***bħas-sewqan taħt l-effett tad-drogi, l-użu tat-telefon ċellulari waqt is-sewqan, u s-sewqan mhux assigurat, u fir-rigward ta' politiki ta' trasport sostenibbli*** u*, jekk ikun il-każ*, ser tikkunsidra tipproponix ***malajr kemm jista' jkun*** reviżjoni tad-Direttiva***, wara li jsir rapport ta' l-implimentazzjoni tagħha,*** bil-għan li tiġbor dawk ir-reati fl-ambitu tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva għandha tirrifletti l-isforzi tal-bliet u r-reġjuni Ewropej biex jimplimentaw politiki tat-trasport li jkunu sostenibbli, bħall-ħlas għall-użu tat-toroq, żoni 'ħodor' u restrizzjonijiet tat-traffiku. Sabiex dawn il-politiki jiġu aċċettati miċ-ċittadini, huma għandhom jiġu infurzati b'mod ġust, filwaqt li l-multi m'għandhomx jiġu skansati, u lanqas is-sostenn għall-iskemi m'għandu jiddgħajjef, sempliċiment għaliex dak li jikser ir-regoli jkun ġej minn stat membru ieħor.

Emenda 14
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex tiġi żgurata l-*effiċjenza* tas-sistema ta' infurzar, din għandha tkopri l-fażijiet kollha *mid-detezzjoni* tar-reat *sat-trażmissjoni* tan-notifika tar-reat, abbażi ta' formola standard, lid-detenetur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura kkonċernata. Malli tittieħed deċiżjoni finali, ***għandha*** tapplika d-Deċiżjoni *Kwadru* tal-Kunsill 2005/214/ĠAI dwar l-	(6) Sabiex tiġi żgurata l-*effikaċja* tas-sistema ta' infurzar, din għandha tkopri l-fażijiet kollha *mill-identifikazzjoni* tar-reat *sa l-għoti* tan-notifika tar-reat, abbażi ta' formola standard, lid-detenetur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura kkonċernata. Malli tittieħed deċiżjoni finali, ***tista'*** tapplika d-Deċiżjoni *ta' Qafas* tal-Kunsill 2005/214/ĠAI dwar l-

applikazzjoni tal-prinċipju ta' *rikonoxximent* reċiproku ta' *penalitajiet finanzjarji*.	applikazzjoni tal-prinċipju ta' *għarfien* reċiproku ta' *multi*. ***Fil-każ fejn id-Deċiżjoni ta' Qafas 2005/214/ĠAI ma tkunx tista' tiġi applikata, pereżempju minħabba li d-deċiżjonijiet ta' sanzjoni ma jaqgħux fl-ambitu tal-liġi kriminali, l-effettività tas-sanzjonijiet xorta waħda għandha tkun iggarantita permezz ta' miżuri oħra ta' infurzar tas-sanzjonijiet.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-effettività tas-sanzjonijiet trasmessi bejn l-Istati Membri hija garantita permezz tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2005/214/ĠAI għad-deċiżjonijiet li jirriżultaw minn reati kriminali. Madankollu, din id-Deċiżjoni ma tkoprix il-każi kollha bħal dawn fl-Unjoni Ewropea; Għalhekk iridu jiġu stabbiliti mezzi oħra ta' infurzar ta' sanzjonijiet sabiex il-ftehima ta' qafas tkun kompluta, l-aktar fen id-deċiżjonijiet ta' sanzjoni jittieħdu minn awtoritajiet amministrattivi.

Emenda 15
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt d a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) in-nuqqas ta' ħlas ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva għandha tirrifletti l-isforzi tal-bliet u r-reġjuni Ewropej biex jimplimentaw politiki tat-trasport li jkunu innovattivi u sostenibbli, bħall-ħlasijiet għall-użu tat-toroq, żoni 'ħodor' u restrizzjonijiet tat-traffiku biex jindirizzaw sfidi bħalma huma l-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni. Sfidi bħall-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni huma komuni għall-bliet kollha Ewropej u huwa kruċjali li jkun hemm mekkaniżmu effettiv ta' infurzar transkonfinali biex isostnu dawn il-politiki innovattivi.

Emenda 16
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt d b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) in-nuqqas ta' ħlas għall-użu, jew in-nuqqas ta' rispett, taż-żoni ekoloġiċi;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva għandha tirrifletti l-isforzi tal-bliet u r-reġjuni Ewropej biex jimplimentaw politiki tat-trasport li jkunu innovattivi u sostenibbli, bħall-ħlasijiet għall-użu tat-toroq, żoni 'ħodor' u restrizzjonijiet tat-traffiku biex jindirizzaw sfidi bħalma huma l-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni. Sfidi bħall-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni huma komuni għall-bliet kollha Ewropej u huwa kruċjali li jkun hemm mekkaniżmu effettiv ta' infurzar transkonfinali biex isostnu dawn il-politiki innovattivi.

Emenda 17
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt d c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(dc) kontravenzjonijiet ta' parkeġġ;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva għandha tirrifletti l-isforzi tal-bliet u r-reġjuni Ewropej biex jimplimentaw politiki tat-trasport li jkunu innovattivi u sostenibbli, bħall-ħlasijiet għall-użu tat-toroq, żoni 'ħodor' u restrizzjonijiet tat-traffiku biex jindirizzaw sfidi bħalma huma l-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni. Sfidi bħall-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni huma komuni għall-bliet kollha Ewropej u huwa kruċjali li jkun hemm mekkaniżmu effettiv ta' infurzar transkonfinali biex isostnu dawn il-politiki innovattivi.

Emenda 18
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt d d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(dd) kontravenzjonijiet tat-traffiku waqt is-sewqan;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva għandha tirrifletti l-isforzi tal-bliet u r-reġjuni Ewropej biex jimplimentaw politiki tat-trasport li jkunu innovattivi u sostenibbli, bħall-ħlasijiet għall-użu tat-toroq, żoni 'ħodor' u restrizzjonijiet tat-traffiku biex jindirizzaw sfidi bħalma huma l-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni. Sfidi bħall-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni huma komuni għall-bliet kollha Ewropej u huwa kruċjali li jkun hemm mekkaniżmu effettiv ta' infurzar transkonfinali biex isostnu dawn il-politiki innovattivi.

Emenda 19
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt d e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(de) kwaunkwe ksur serju ieħor tas-sikurezza fit-toroq;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva għandha tirrifletti l-isforzi tal-bliet u r-reġjuni Ewropej biex jimplimentaw politiki tat-trasport li jkunu innovattivi u sostenibbli, bħall-ħlasijiet għall-użu tat-toroq, żoni 'ħodor' u restrizzjonijiet tat-traffiku biex jindirizzaw sfidi bħalma huma l-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni. Sfidi bħall-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni huma komuni għall-bliet kollha Ewropej u huwa kruċjali li jkun hemm mekkaniżmu effettiv ta' infurzar transkonfinali biex isostnu dawn il-politiki innovattivi.

Emenda 20
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "awtorità kompetenti" tfisser ***l-awtorità responsabbli għad-database nazzjonali tad-dokumenti ta' reġistrazzjoni tal-vetturi***;	(d) "awtorità kompetenti" tfisser ***entità waħda ta' kuntatt f'kull Stat Membru li tkun responsabbli għal-faċilitazzjoni ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.***

Or. en

Emenda 21
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 2 – punt d a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) "awtorità ċentrali" tfisser l-awtorità responsabbli sabiex tiżgura li jkun hemm harsien tad-data f'kull Stat Membru;

Or. en

Emenda 22
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 2 – punt d b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) "Deċiżjoni Amministrattiva Finali" tfisser kwalunkwe deċiżjoni finali li tesiġi li titħallas multa, li mhix deċiżjoni finali li tidħol fid-definizzjoni stipulata fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2005/214/ĠAI;

Or. en

Emenda 23
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 2 – punt h a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) "in-nuqqas ta' ħlas għall-użu tat-toroq" tfisser in-nuqqas li jitħallas ħlas speċifikat għall-użu ta' toroq partikulari. Dan jinkludi l-ħlasijiet sabiex wieħed jidħol f'żoni, jew juża toroq partikulari, bi kriterji ambjentali, jew in-nuqqas li wieħed jirrispetta standards li jirrikjedu li jsir ħlas;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva għandha tirrifletti l-isforzi tal-bliet u r-reġjuni Ewropej biex jimplimentaw politiki tat-trasport li jkunu innovattivi u sostenibbli, bħall-ħlasijiet għall-użu tat-toroq, żoni 'ħodor' u restrizzjonijiet tat-traffiku biex jindirizzaw sfidi bħalma huma l-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni. Sfidi bħall-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni huma komuni għall-bliet kollha Ewropej u huwa kruċjali li jkun hemm mekkaniżmu effettiv ta' infurzar transkonfinali biex isostnu dawn il-politiki innovattivi.

Emenda 24
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 2 – punt h b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(hb) "żona ekoloġika" tfisser żona identifikata bħala waħda fejn ma jkunux jistgħu jidħlu vetturi li ma jissodisfawx ċerti standards ta' emissjonijiet, jew li ma jkunux jistgħu jidħlu sakemm ma jħallsux ħlas;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva għandha tirrifletti l-isforzi tal-bliet u r-reġjuni Ewropej biex jimplimentaw politiki tat-trasport li jkunu innovattivi u sostenibbli, bħall-ħlasijiet għall-użu tat-toroq, żoni 'ħodor' u restrizzjonijiet tat-traffiku biex jindirizzaw sfidi bħalma huma l-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni. Sfidi bħall-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni huma komuni għall-bliet kollha Ewropej u huwa kruċjali li jkun hemm mekkaniżmu effettiv ta' infurzar transkonfinali biex isostnu dawn il-politiki innovattivi.

Emenda 25
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 2 – punt h c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(hc) "kontravenzjoni ta' parking" tfisser li vettura titħalla wieqfa fi spazju maħsub għall-parking b'mod li tonqos li tissodisfa t-termini u l-kundizzjonijiet ta' użu ta' dak l-ispazju, jew fuq triq b'mod li tikser projbizzjoni fuq l-ipparkjar ta' vetturi fuq dik it-triq, skond il-liġi fis-seħħ f'dak l-Istat fejn issir il-kontravenzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva għandha tirrifletti l-isforzi tal-bliet u r-reġjuni Ewropej biex jimplimentaw politiki tat-trasport li jkunu innovattivi u sostenibbli, bħall-ħlasijiet għall-użu tat-toroq, żoni 'ħodor' u restrizzjonijiet tat-traffiku biex jindirizzaw sfidi bħalma huma l-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni. Sfidi bħall-bidla fil-klima, it-tniġġis u l-konġestjoni huma komuni għall-bliet kollha Ewropej u huwa kruċjali li jkun hemm mekkaniżmu effettiv ta' infurzar transkonfinali biex isostnu dawn il-politiki innovattivi.

Emenda 26
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. In-notifika ta' reat għandu jkun fiha deskrizzjoni tad-dettalji relevanti tar-reat ikkonċernat, l-ammont tal-*penali finanzjarja* li għandha titħallas mid-detentur, il-*possibbiltajiet* biex id-detentur jikkontesta r-raġunijiet għan-notifika ta' reat u jagħmel appell kontra deċiżjoni li timponi *penali finanzjarja*, u l-proċedura li għandha tiġi segwita fil-każ ta' kontestazzjoni jew appell.	2. In-notifika ta' reat għandu jkun fiha ***s-suġġett tan-notifika, l-isem ta' l-awtorità responsabbli mill-applikazzjoni tas-sanzjonijiet, l-isem ta' l-awtorità kompetenti responsabbli mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva*** u deskrizzjoni tad-dettalji relevanti tar-reat ikkonċernat, l-ammont tal-*multa* li għandha titħallas mid-detentur ***u d-data sa meta din trid titħallas***, il-*possibiltajiet* biex id-detentur jikkontesta r-raġunijiet għan-notifika ta' reat u *biex* jagħmel appell kontra deċiżjoni li timponi *multa*, u l-proċedura li għandha tiġi segwita fil-każ ta' kontestazzjoni jew appell.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kontenut tan-notifika għandu jkun kemm jista' jkun komplut sabiex id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jingħata informazzjoni dwar ir-reat imwettaq, l-amministrazzjoni responsabbli u l-mezzi possibbli biex isir appell. L-avviż ta' reat għandu jgħid biċ-ċar ukoll id-data sa meta trid titħallas il-multa.

Emenda 27
Philip Bradbourn

Proposta ghal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Kwalunkwe multa imposta skond din id-Direttiva m'għandhiex tkun diskriminatorja f'sens ta' nazzjonalità u għandha tiġi imposta skond il-liġi ta' l-

Istat fejn saret il-kontravenzjoni.

Or. en

Emenda 28
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 5 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. In-notifika ta' reat għandha tinforma lid-detentur li għandu jimla formola ta' tweġiba jekk ikun biħsiebu ma jħallasx il-multa.	3. In-notifika ta' reat għandha tinforma lid-detentur li għandu jimla formola ta' tweġiba ***fi żmien speċifikat*** jekk ikun biħsiebu ma jħallasx il-multa. ***F'każ ta' rifjut ta' ħlas, id-detentur jiġi infurmat fl-istess notifika li r-rifjut jista' jiġi trażmess lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' residenza sabiex tiġi eżegwita d-deċiżjoni ta' sanzjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tiggarantixxi l-effettività u s-segwitu tar-reati, billi tippermetti li ssir it-trażmissjoni tar-rifjut ta' ħlas, tkun xi tkun ir-raġuni, lill-awtorità ta' l-Istat ta' residenza tad-detentur. L-avviż ta' reat għandu jgħid biċ-ċar ukoll id-data sa meta trid tingħata tweġiba.

Emenda 29
Philip Bradbourn

Proposta ghal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. M'għandha tinħareġ ebda sanzjoni fir-rigward ta' kontravenzjoni mwettqa qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 30
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Segwitu tal-kontravenzjonijiet tas-sewqan
	1. Fil-każ fejn il-multa ma titħallasx u jkunu ntużaw il-proċeduri kollha għal każijiet ta' kontestazzjoni jew ta' appell, id-Deċiżjoni ta' Qafas 2005/214/ĠAI għandha tapplika f'dak li jikkonċerna s-sanzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni ta' Qafas.
	2. Fl-istess każijiet ta' nuqqas ta' tweġiba msemmija fl-ewwel paragrafu, iżda li jirrigwardaw il-multi li ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2005/214/ĠAI, l-Istat fejn issir il-kontravenzjoni għandu jittrażmetti d-deċiżjoni amministrattiva finali lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' residenza biex tiġi eżegwita s-sanzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tiżgura l-possibilità li l-multi mogħtija lid-detentur, iżda li dan ma jħallasx, jiġu infurzati jew permezz tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2005/214/ĠAI, jew permezz tat-trażmissjoni tad-deċiżjoni finali lill-Istat ta' residenza tad-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' vettura.

Emenda 31
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 5 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5b
	Għarfien u infurzar tas-sanzjonijiet
	1. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' residenza għandha tagħraf id-deċiżjoni amminstrattiva finali li tkun ġiet trażmessa skond l-Artikolu 5a (2), mingħajr l-ebda formalità u għandha mingħajr dewmien tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex din tiġi eżegwita, filwaqt li jiġi ppreċiżat li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni hija rregolata mil-liġi ta' l-Istat ta' residenza bl-istess mod bħal multa fl-Istat ta' residenza, ħlief jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tagħmel użu minn waħda mir-raġunijiet ta' nuqqas ta' għarfien jew ta' non-eżekuzzjoni li ġejjin:
	(a) id-dritt ta' l-Istat ta' residenza jipprevedi immunità li tagħmilha impossibbli li d-deċiżjoni tiġi eżegwita;
	(b) il-persuna kkonċernata ma ġietx mgħarrfa dwar id-dritt tagħha li tappella u dwar id-data ta' skadenza sabiex tagħmel dan;
	2. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat fejn saret il-kontravenzjoni għandha tgħarraf minnufih lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' residenza bi kwalunkwe deċiżjoni jew miżura li ma tħallix li d-deċiżjoni tiġi eżegwita. L-Istat ta' residenza għandu jtemm l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni malli jiġi mgħarraf mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' reat dwar din id-deċiżjoni jew miżura.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tipprevedi sistema għall-għarfien u l-infurzar tas-sanzjonijiet f'każ fejn id-Deċiżjoni ta' Qafas 2005/214/ĠAI ma tkunx applikabbli. L-applikazzjoni tas-sanzjoni hija f'idejn l-Istat ta' residenza tad-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura.

Emenda 32
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 5 c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5c
	Tagħrif mogħti mill-Istat ta' residenza
	L-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' residenza għandu jgħarraf mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat fejn tkun saret il-kontravenzjoni permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli prova bil-miktub:
	(a) li tikkonferma li deċiżjoni finali li tesiġi infurzar tkun waslet u tkun ġiet mwettqa;
	(b) ta' kull deċiżjoni li ma tiġix eżegwita deċiżjoni, flimkien mar-raġunijiet li jiġġustifikaw din id-deċiżjoni;
	(c) ta' l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni malli din tirtwettaq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tikkompleta s-sistema ta' l-għarfien u ta' trażmissjoni tal-kontravenzjonijiet, kif definit fl-emenda preċedenti, billi tipprevedi li l-Istat ta' residenza jinforma lill-Istat fejn saret il-kontravenzjoni dwar is-segwitu li jkun seħħ għad-deċiżjoni ta' sanzjoni, ikun xi jkun dan is-segwitu.

Emenda 33
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat dwar l-infurzar fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq.	1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat dwar l-infurzar fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq ***u tat-traffiku fuq it-toroq***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kumitat għandu jqis ukoll l-infurzar tat-traffiku fuq it-toroq.

Emenda 34
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
Artikolu 8 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Evalwazzjoni u rapporti
	1. Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Dirtettiva mill-Istati Membri.
	2. Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tistudja l-possibilità ta' estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għal kontravenzjonijiet oħra tat-traffiku, partikolarment għall-użu ta' telefons ċellulari, għas-sewqan taħt l-effett tad-drogi u għas-sewqan mingħajr liċenzja.
	3. F'dan l-istess rapport, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti li

jippermettu li jiġi armonizzat it-tagħmir ta' kontroll fuq il-bażi ta' kriterji Komunitarji u l-prattiki ta' kontroll fil-qasam tas-sigurtà fit-toroq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni u l-perspettivi ta' modifika tad-direttiva.

Emenda 35
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
ANNESS - paġna 3 (Id-dettalji rilevanti tar-reat) - punt b - subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
eċċess ta' veloċità, sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza jew ta' sistema għat-trażżin tat-tfal, *il-qbiż* tad-dawl l-aħmar tat-traffiku	eċċess ta' veloċità, sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza jew ta' sistema għat-trażżin tat-tfal, *in-nuqqas ta' rispett* tad-dawl l-aħmar tat-traffiku***, in-nuqqas ta' ħlas għall-użu tat-toroq, in-nuqqas ta' ħlas għall-użu - jew in-nuqqas ta' rispett ta' żona ekoloġika, kontravenzjonijiet tal-parking, reati bi ksur tar-rispett għall-korsija tal-karozzi tal-linja jew tat-tram, kontravenzjonijiet tat-traffiku waqt is-sewqan u vjolazzjonijiet serji tas-sikurezza tat-toroq.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk jiġi estiż l-iskop tad-direttiva, in-notifika teħtieġ li tirrifletti din il-bidla.

Emenda 36
Sarah Ludford

Proposta ghal direttiva
ANNESS - paġna 3 (Id-dettalji rilevanti tar-reat) - punt c - subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tip ta' tagħmir għar-reġistrazzjoni ta' l-eċċess ta' veloċità, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, *il-qbiż* tad-dawl l-aħmar tat-traffiku jew in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza:	Tip ta' tagħmir għar-reġistrazzjoni ta' l-eċċess ta' veloċità, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, *in-nuqqas ta' rispett* tad-dawl l-aħmar tat-traffiku jew in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza***, in-nuqqas ta' ħlas għall-użu tat-toroq, in-nuqqas ta' ħlas għall-użu - jew in-nuqqas ta' rispett ta' żona ekoloġika, kontravenzjonijiet tal-parking, reati bi ksur tar-rispett għall-korsija tal-karozzi tal-linja jew tat-tram, kontravenzjonijiet tat-traffiku waqt is-sewqan u vjolazzjonijiet serji tas-sikurezza tat-toroq.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk jiġi estiż l-iskop tad-direttiva, in-notifika teħtieġ li tirrifletti din il-bidla.